MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-29 ta' April, 2004

Numru 978/2003

Il-Pulizija
(Spettur Walter Spiteri)

Vs

Giuseppe Buhagiar

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra Giuseppe Buhagiar ta' karta ta' identita' numru 289917(M).

Akkuzat talli f'dawn il-gzejjer fl-14 ta' Dicembru, 2001 u matul ix-xhur ta' qabel din id-data, bhala id-detentur tal-fond St, Catherine, Triq San Pawl, Zurrieq wkoll wara nzul ix-xemx, b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti li jikksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi qarrieqa li bihom setgha kellu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' l-elettriku, tal-kwalita' mehuda jew ikkunsmata, ikkommetta

serq ta' dawl elettriku fl-ta' Lm135.72c.8 liema serq hu kwalifikat bil-mezz, hin u valur ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament mhux opposta.

Semghet l-imputat jirregistra amissjoni li nsista fuqa anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra.

Rat l-atti tal-process verbal esebit.

Semghet lill-ufficjal tal-Korporazzjoni jiddikjara li l-imputat hallas l-l-import kollu minnu dovut.

Ikkonsidrat:

Illi stante l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tal-imputat m'hemmx bzonn ta' delungar u l-Qorti tista' u ser tghaddi minnufih biex titratta l-piena.

Billi l-ammont dovut thallas l-Qorti tiddeciedi li tillebera lill-imputat billi tapplika l-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal perjodu ta' sitt xhur mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------